MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 574/2006

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Audrey Ann Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici wara li qalet illi s-socjeta` Maltacom p.l.c. ipprestat servizz telefoniku lill-konvenuta u talbet illi din il-qorti :

Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, mija, sebgha u disghin liri Maltin u tlett centenzmi (Lm 5, 197.03) ;

Illi l-konvenuta nterpellata, biex thallas, baqghet inadempjenti ;

Illi l-prokuratur legali Noel Scerri huwa mpjegat tas-socjeta` Maltacom p.l.c. u jaf b'dawn il-fatti personalment.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` Maltacom p.l.c. titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgoba, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni ;

Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef, mija u sebgha u disghin Liri Maltin u tlett centezmi (Lm5, 197.03), rapprezentanti kera u konsum ghas-servizz telefoniku kif jinghad fuq.

Bl-ispejjez, tal-prezenti, dawk tat-taxxa tal-Vat fuq id-drittijiet professjonali, tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat u mahluf kontestwalment mar-rikors u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-affidavit mahluf minn Noel Scerri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuta baqghet ma dehritx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------